Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,812, 30 ta' Settembru, 2011

Taqsima B

A.L. 387 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) – B.Ed. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons), u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 24 tal-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sottoparagrafu (ċ) (vi) tal-paragrafu (4) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(vi) għad-Disinn Tekniku u t-Teknoloġija

(1) għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar fl-Engineering Drawing jew fil-Komunikazzjoni Grafika, għaddew fil-Livell Intermedju bi Grad C jew aħjar fil-Fiżika, u għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar f'xi suġġett ieħor; jew

(2) għaddew f'ħames suġġetti bi Grad 5 jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja, inkluż fl-Ilsien Ingliż u fil-Malti, flimkien ma' ċertifikat li għaddew fl-Oqsma tal-Għerf fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola fil-Livell Intermedju, u

l-Advanced Technicians Diploma tas-City and Guilds of London Institute, jew

l-MCAST-BTEC Higher National Diploma fl-Electrical Engineering Livell 5, jew

l-MCAST-BTEC Higher National Diploma fl-Electronic Engineering Livell 5, jew

l-MCAST-BTEC Higher National Diploma fil-Mechanical Engineering Livell 5, jew

kwalifika kkunsidrata bħala ekwivalenti mill-Bord tad-Dħul tal-Università fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord."